# Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

## ĦARSA ĠENERALI

Is-sena 2015 kienet sena ta' konsolidament fl-operat tal-Ministeru wara l-bidla fir-responsabbiltajiet tiegħu fl-2014. B'responsabbiltà għall-politika dwar l-enerġija u l-ilma u kif ukoll proġetti bi sħubija bejn il-Gvern u l-Privat, is-sena 2015 kienet ikkaratterizzata minn ħidma qawwija biex ikompli t-twettiq tal-programm tal-Ministeru, fosthom l-implimentazzjoni fil-ħin ta' numru ta' proġetti ffinanzjati mill-Programm Operattiv 2007-2013 tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tnedija ta' numru ta' proġetti u miżuri ġodda fosthom dawk bi sħubija bejn il-Gvern u s-settur Privat.

Fid-dawl ta' responsabbiltajiet ikbar u ammont ta' proġetti u miżuri ta' importanza nazzjonali, matul l-2015 żdiedet il-ħtieġa għall-ingaġġ ta' iktar nies fi ħdan dan l-Uffiċċju. Għaldaqstant ġew ingaġġati *Senior Manager* u żewġ uffiċjali responsabbli mill-fondi Ewropej biex jgħinu fil-moniteraġġ tat-twettiq tal-miżuri u proġetti. Minħabba l-ħidma dejjem tiżdied fil-qasam tal-iżvilupp tal-politika u affarijiet internazzjonali u Ewropej, *Senior Policy Officer* ingħaqad ukoll mal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti. Magħhom ġew ingaġġati wkoll żewġt uffiċjali oħra biex jgħinu f'xogħol amministrattiv.

Bil-ħidma ta' dan it-tim b'kollaborazzjoni mal-entitajiet rilevanti, partikolarment l-Enemalta, il-Korporazzjoni Għas-servizzi tal-Ilma, Projects Malta Ltd., l-Aġenzija SEWCU, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi (MRA), u l-kumpanija Enemed, dan l-Uffiċċju għamel ċert li l-politika tal-Gvern f'dawn is-setturi tiġi implimentata b'mod korrett, b'mod effiċjenti u fejn applikabbli, fl-ispirtu ta' dak propost mill-Kummissjoni Ewropea. Infatti, il-Ministeru rnexxielu jimplimenta b'suċċess il-parti l-kbira tal-miżuri tal-Baġit assenjati lilu u miżuri oħra fil-programm tiegħu, inkluż dawk ta' simplifikazzjoni.

Dawn t'hawn taħt huma numru ta' inizjattivi importanti li ġew xprunati minn dan l-Uffiċċju fl-2015:

- F'Marzu ngħalqet il-*powerstation* tal-Marsa wara snin tikkontribwixxi għat-tniġġiż tal-arja bi dħaħen li kienet twaddab;
- F'Marzu daħal fis-seħħ ukoll it-tnaqqis ta' 25% fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma għan-negozji u l-industrija.
- L-*interconnector* bejn Malta u Sqallija nxtegħel għall-ewwel darba fl-24 ta' Marzu, wara t-tlestija ta' xogħlijiet u perjodu ta' testijiet. L-inawgurazzjoni uffiċjali tal-proġett saret fid-disgħa t'April.
- Il-ħidma fuq il-proġett tal-bini tal-*powerstation* il-ġdida li taħdem bil-gass tal-ogħla livell ta' effiċjenza u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, kompliet miexja b'ritmu tajjeb.
- Dan l-Uffiċċju qed jieħu ħsieb ukoll il-proċess ta' *State Aid Notification* mal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-proġett ta' Delimara.
- Fil-31 ta' Lulju 2015 daħal fis-seħħ l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Att XXV) li permezz tiegħu twaqqaf ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma. Ir-REWS ħa f'idejh ċertu poteri li kellha l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi u għandu l-funzjoni u r-responsabbiltà li jirregola l-operaturi u s-servizzi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-enerġija u l-ilma fil-gżejjer Maltin.

- Fl-2015, tħallsu iktar minn sitt miljun Ewro liċ-ċittadini li applikaw għall-skemi biex jappoġġjaw l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajici kofinanzjati minn fondi Ewropej u kif ukoll skemi għat-twaħħil ta' *Solar Water Heaters* u *Double Glazing;*
- Komplew jinħarġu wkoll *feed-in tariffs* attraenti u sostenibbli għal min jinvesti f'enerġija rinovabbli.
- Kompliet ukoll l-implimentazzjoni ta' numru ta' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, kemm fil-qasam tal-enerġija kif ukoll dak tal-ilma, u l-allokazzjoni ta' fondi eliġibbli li ġew ipproċessati kollha sal-aħħar tas-sena. Dettalji dwar dawn il-proġetti jinstabu fis-sezzjoni tad-Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u l-Implimentazzjoni tal-Programm.
- Bl-għajnuna ta' dan l-Uffiċċju, Projects Malta varat numru ta' proġetti u inizjattivi f'diversi setturi. Dawn kienu jinkludu t-twaqqif ta' Trade Malta, Yachting Malta u Medical Plus Malta; il-pubblikazzjoni ta' sejħa pubblika għal metodi alternattivi ta' trasport fil-madwar tal-Belt Valletta; kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' *Request for Proposals* u finalizzazzjoni ta' negozjati marbutin ma' Konċessjoni tal-Isptar San Luqa, Karin Grech u l-Isptar Ġenerali t'Għawdex, fost l-oħrajn.
- Fl-18 ta' Novembru 2015, l-Unjoni Ewopea ħabbret it-tieni lista tal-'PCI' fejn il-proġett ta' Malta tal-*pipeline* tal-gass ġie kkonfermat bħala 'Proġett ta' Interess Komuni'. Sadanittant l-istudju dwar il-vijabilità li Malta jkollha *pipeline* ġie konkluż. Jinsabu għaddejjin, kif ippjanat, il-preparamenti dwar l-istudji neċessarji marbuta mar-rotta ta' qiegħ il-baħar u dokumentazzjoni sabiex jinbeda l-proċess tal-permessi ambjentali kemm fuq in-naħa ta' Malta kif ukoll fuq in-naħa tal-Italja.
- Tnieda programm ta' investiment ta' madwar 60 miljun Ewro biex tissaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bil-bini jew l-estensjoni ta' diversi ċentri ta' distribuzzjoni. Dan l-Uffiċċju ressaq xejn anqas minn 26 proposta għall-kunsiderazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri matul l-2015 filwaqt li lagħab sehem importanti fit-tfassil tal-*Budget* għall-2016, b'numru ta' proposti.

Minbarra l-miżuri msemmija hawn fuq, dan l-Uffiċċju xpruna 'l quddiem numru ta' miżuri oħra inkluż dawk ta' simplifikazzjoni.

Dan l-Uffiċċju għarbel ukoll ir-rapport tal-Awditur Ġenerali fuq in-nefqa tal-Ministeru fl-2014. Irreaġixxa għalih u ra li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jittieħdu *on board*.

Fuq kollox l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti kellu rwol fundamentali biex jassigura li, kontinwament ikun hemm kollaborazzjoni bejn id-Dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tal-Ministeru u anke ma' Ministeri u entitajiet oħra, li jara li l-politika tal-Gvern u d-direzzjonijiet u d-direttivi li jinħarġu jiġu attwati, u li jkun mutur ta' sorveljenza li jimbotta l-proġetti 'l quddiem waqt li jiżblokka problemi li jistgħu jinħolqu. Din il-kollaborazzjoni qed tiġi ffaċilitata wkoll bl-organizzazzjoni ta' *Senior Management meetings* kull xahar.

Finalment, dan l-Uffiċċju assigura li l-Ministeru jitmexxa skont ir-regolamenti tas-Servizz Pubbliku u li jkun hemm spirtu ta' governanza tajba kemm fl-infiq kif ukoll fl-amministrazzjoni rikorrenti tiegħu.

# Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u Implimentazzjoni tal-Programm

## INTRODUZZJONI

Il-funzjonijiet ewlenin tad-Direttorat jinkludu l-koordinament u l-formulazzjoni tal-pożizzjoni tal-Ministeru fuq *policies* u proposti leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea f'konsultazzjoni ma' entitijatiet fil-Ministeru u l-entitajiet tiegħu kif ukoll ma' partijiet interessati oħra fil-Gvern jew barra minnu. Id-Direttorat huwa wkoll responsabbli għat-twettiq tal-Programm tal-Gvern għall-materji li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà' tal-Ministeru kif ukoll ir-rwol ta' *Line Ministry* fejn jidħol il-koordinament tal-użu minn fondi Ewropej.

Is-sena 2015 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' funzjonament tad-Direttorat f'din il-leġizlatura. Dan wara li fin-nuqqas ta' Direttur responsabbli dawn il-funzjonijiet kien jassumihom l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti. Dan seta' jseħħ wara li f'Diċembru tal-2014 ġiet appuntata Direttriċi ġdida. Ta' min jenfasizza li minħabba n-nuqqas ta' riżorsi dedikati fid-Direttorat innifsu u l-ħtieġa ta' żmien ta' familjarizzazzjoni mas-suġġetti u l-*policies* tal-Ministeru dwarhom, kienet instrumentali l-assistenza u l-appoġġ tal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, partikolarment fejn tidħol il-ħidma relatata mal-Implimentazzjoni tal-Programm. Fir-rigward ta' xogħol relatat ma' affarijiet Internazzjonali u Ewropej, id-Direttorat, bħal ma hu mistenni, sab l-appoġġ tal-*Policy Unit* tas-SEWCU, permezz tal-pariri tekniċi tagħhom. Hawn taħt wieħed isib sommarju ta' dawk l-inizjattivi li ħa d-Direttorat li mhumiex parti mix-xogħol ta' rutina li normalment hu mistenni minn Direttorat simili.

### *Affarijiet Internazzjonali u Ewropej*

Din is-sena kienet waħda sinifikanti fuq livell Ewropew għall-politika dwar l-enerġija, b'numru ta' żviluppi importanti. L-Enerġija kienet identifikata bħala waħda mill-prijoritajiet tal-Pjan Juncker u kif kien mistenni kmieni fis-sena, fil-25 ta' Frar, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Qafas Strateġiku għall-Unjoni tal-Enerġija, liema politika hi vasta u tmiss ma' għadd ta' setturi oħra. Id-Direttorat kien responsabbli għall-kordinament tat-tfassil tal-pożizzjoni ta' Malta fuq dan il-qafas strategiku kif ukoll għall-preparamenti kemm uffiċjali mill-Ministeru stess kif ukoll uffiċjali minn Ministeri oħra meta fuq l-aġenda tal-Kunsill u laqgħat oħra kien ikollhom diskussjonijiet fuq din il-politika jew xi aspetti minnha. Tista' tgħid li l-politika dwar l-Unjoni tal-Enerġija sabet ruħha fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri kollha, inkluż il-Kunsill Ewropew ta' Marzu fejn matulu sar qbil fuq prinċipju dwar l-istruttura ta' governanza fost affarijiet oħra.

Riżultat tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu, matul il-bqija tas-sena kien hemm xogħol ieħor relatat mal-iżvilupp ta din il-politika. Għall-ewwel darba, il-Kummissjoni Ewropea għamlet rapport fejn kull Stat Membru kien impoġġi għal skrutinju skont numru ta' indikaturi ekonomiċi relatati mal-enerġija. L-Istati Membri ngħataw iċ-ċans li jikkummentaw fuq dan id-dokument, imsejjaħ '*Country Fact Sheet*', qabel ma ġie ppubblikat.

Għaldaqstant, matul ix-xahar ta' Ġunju, id-Direttorat għamel konsultazzjoni wiesgħa ma' għadd ta' Ministeri kif ukoll studju intern, biex Malta setgħet tibgħat il-kummenti tagħha. Dan kien segwit ukoll minn laqgħa bilaterali fi Brussel biex jiġu ċċarati xi punti, kif ukoll minn numru ta' konsultazzjonijiet lokali qabel ma d-dokument ġie ppubblikat mill-Kummissjoni bħala parti mir-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija fit-18 ta Novembru. Dan hu rapport li l-Kummissjoni

se tibda toħroġ kull sena bħala parti mill-istruttura ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li għadha qiegħda tiġi stabbilita, u li fih se tkun qed tanalizza l-progress li kull Stat Membru se jkun qed jagħmel biex jilħaq il-miri Ewropej sas-sena 2030 dwar l-enerġija li tiġġedded, l-effiċjenza enerġetika u emissjonijiet tal-gassijiet responsabbli mit-tibdil tal-klima.

Minħabba li dan il-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Bidla fil-Klima jinvolvi t-tħejjija ta' dokument strateġiku li l-Istati Membri jridu jissottomettu, minn din is-sena beda jitlaqqa' wkoll Grupp ta' Ħidma fuq livell Ewropew biex jiġu stabbiliti il-qafas u l-indikaturi li l-Istati Membri iridu jibdew jindirizzaw. Lokalment, id-Direttorat beda jikkordina l-preparamenti għall-laqgħat ta' dan il-Grupp filwaqt li bdew diskussjonijiet interni biex jiġi deċiż kif se titmexxa t-tħejjija ta' dan il-Pjan Nazzjonali li trid issir bil-kontribut ta' oqsma varji. L-ewwel abbozz tal-Pjan irid jintbagħat lill-Kummissjoni sal-aħħar tal-2017.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi ż-żjara tal-Viċi President Maroš Šefčovič li żar Malta fid-9 ta' Novembru. Iż-żjara ta' Maroš Šefčovič kienet tagħmel parti minn sensiela ta' żjarat fil-pajjiżi Ewropej bi tħejjija għat-tnedija tar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija. Id-Direttorat ħa ħsieb li jagħmel it-tħejjijiet neċessarji min-naħa tal-Ministeru, inkluż il-preparazzjoni ta' *Briefing Notes* għal-laqgħat li kellu mal-Prim Ministru, mal-Viċi Prim Ministru, mal-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa u mas-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Fondi Ewropej.

Fl-aħħar nofs tas-sena, il-Kummissjoni Ewropea nediet għadd ta' konsultazzjonijiet pubbliċi. Dan sar bi tħejjija għat-tnedija ta' pakkett ta' leġiżlazzjoni fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija bil-għan li tkun simplifikata l-implimentazzjoni tad-Direttivi u Regolamenti kurrenti sal-2020, u kif ukoll biex jidħol fis-seħħ il-qafas legali neċessarju biex jieħu kont tal-miri tal-2030 li ġew maqbula fil-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014. F'dan il-kuntest, il-Ministeru ħass il-ħtieġa li jipparteċipa f'numru minn dawn il-konsultazzjonijiet bil-għan li minn kmieni Malta tibda twassal l-opinjoni tagħha. Id-Direttorat għaldaqstant ħa ħsieb jikkordina t-tħejjija tar-risposti għal erbgħa minn dawn il-konsultazzjonijiet - id-Disinn tas-suq tal-elettriku u l-konsumaturi tal-enerġija, l-Użu tal-LNG, Is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass u ftehimiet bejn Gvern u ieħor fis-Settur tal-Enerġija.

B'rabta mal-Presidenza tal-Kunsilll tal-Unjoni Ewropea bejn Jannar u Ġunju tal-2017, id-Direttorat kompla jikkordina t-tħejjijiet għal dan l-appuntament importanti. Hawn ta' min isemmi l-kontribut li ngħata biex tħejja l-Programm tat-Trio, fl-oqsma tal-ilma u enerġija kif ukoll it-tħejjija ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Presidenza. Dan il-Pjan, li jkopri l-oqsma tal-Enerġija u Ilma, jiġbor fih lista ta' laqgħat li se jkunu organizzati Malta, Brussel kif ukoll f'xi pajjiż iehor li fihom il-Presidenza jkollha rwol; baġit approssimattiv biex ikopri l-ħtiġijiet ta' safar, laqgħat u pariri tekniċi; il-prijoritajiet politiċi; u l-avvenimenti li l-Presidenza trid tieħu ħsieb f'dak li jikkonċerna l-Parlament Ewropew. Dan hu dokument li se jibqa' jiġi aġġornat.

Dwar il-qasam tal-ilma, id-Direttorat kellu r-rwol li jsegwi l-progress tat-tħejjija tat-Tieni Pjan għall-Immaniġġjar tal-ilma (Water Catchment Mangement Plan) li sar b'kollaborazzjoni bejn is-SEWCU u l-MEPA. Il-Pjan kien finalizzat f'Diċembru 2015 biex hekk tkun sodisfatta kundizzjoni imposta mill-Kummissjoni Ewropea *(ex-ante conditionality)* biex ikunu żblokkati fondi Ewropej taħt il-Programm Operattiv 1 2014-2020 biex ikunu jistgħu jintużaw għal proġetti tal-ilma. Ta' min issemmi wkoll li d-Direttorat kien strumentali biex seħħet f'Malta laqgħa ta' jumejn bejn il-paritijiet tat-Trio tal-Presidenza (Malta, Slovakkja u l-Olanda) li matulha sar qbil fuq il-punti komuni dwar il-politika dwar l-ilma u l-avvenimenti relatati li se jsiru matul it-tmintax-il xahar tal-Presidenza tat-Trio.

Barra dawn l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, id-Direttorat kompla bix-xogħol ta' rutina tiegħu, fosthom li japprova kull korrispondenza indirizzata għall-Kummissjoni Ewropea u entitajiet tagħha, li jipprepara *Briefing Notes* għal-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri u laqgħat oħra fosthom

laqgħat bilateri mal-Kummissjoni, li jipprepara *Instruction Notes* għal-laqgħat qabel il-*Working Party* tal-Kunsill, li jikkordina l-attendenzi għall-laqgħat relatati ma' xogħol tal-Unjoni u laqgħat internazzjonali oħra, li jikkordina r-risposti għall-korrispondenzi mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u transpożizzjoni tal-*acquis* kif ukoll li jara li t-transpożizzjonijiet tad-Direttivi jsiru fil-ħin stipulat. Id-Direttorat hu wkoll il-punt ta' kuntatt dwar dak kollu li jikkonċerna l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-*Country Specific Recommendations.*

## *Kontribut għall-iżvilupp ta' policies għas-Settur Publliku*

Id-Direttur għall-Affarijiet Internazzjonali u Implimentazzjoni tal-Programmi ta' dan il-Ministeru, kien inkarigat ukoll mit-tmexxija ta' Grupp ta' Ħidma magħmul minn uffiċjali minn Ministeri differenti, li żviluppa l-Linji Gwida dwar it-tħejjija ta' *Policies* interni għall-immaniġġjar tal-Miżuri għall-'Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja' li ġew ippubblikati f'ċirkolari f'Diċembru 2015. Il-Linji Gwida jidentifikaw dawk l-oqsma li l-*Management* irid jagħti każ partikolari tagħhom meta jkun qed jipprepara, jirrevedi jew jimplimenta *policies* dipartimentali għall-immaniġġjar tal-miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, fosthom *telework*, *reduced hours* u *flexi time*, bil-għan li jiġu kkunsidrati l-esiġenzi speċifiċi tal-Ministeru jew Dipartiment tagħhom.

## *Miżuri tal-Baġit u Miżuri ta' Simplifikazzjoni*

Fl-2015 dan il-Ministeru kellu total ta' ħamsa u ħamsin (55) miżura tal-Baġit, li kienu jikkonsistu f'għoxrin (20) miżura tal-2014 u ħamsa u tletin (35) oħra tal-2015. Sar moniteraġġ fil-qrib fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Fost dawk li sal-aħħar tas-sena ġew implimentati, wieħed jista' jsib:

- Tnaqqis fiż-żmien minn meta ssir l-applikazzjoni sa meta jiġi installat il-*meter* tad-dawl u dak tal-ilma. Hu stmat li dan wassal biex l-applikazzjonijiet pendenti naqsu b'madwar għoxrin fil-mija.
- L-applikazzjoni, fosthom dik tat-*temporary meters,* ġiet issimplifikata billi issa tista' tapplika għas-servizz fuq applikazzjoni waħda minflok fuq tliet applikazzjonijiet differenti kif kienet is-sistema ta' qabel.
- Ġie ssimplifikat ukoll il-proċess ta' konnessjoni tal-pannelli mas-sistema tal-grid billi ġiet introdotta sistema ta' *"One Stop Shop"* fejn ir-REWS tilqa' l-applikazzjonijiet tal-ARMS biex Sistemi ta' PVs jitqabbdu mal-*Grid*.
- Il-proċess biex wieħed japplika għall-*grants* tal-pannelli solari ġiet reveduta u ssimplifikata. Qed isir ukoll iktar kuntatt mal-klijenti permezz ta' imejls u SMS.
- Ġie ssimplifikat il-proċess intern relatat mal-*procurement* bejn l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru ta' dan il-Ministeru billi l-proċess kollu, minn meta ssir it-talba sal-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi, isir b'mod elettroniku permezz tal-imejls.

## *Proġetti Finanzjati minn Fondi tal-Unjoni Ewropea*

Is-sena 2015 kienet ikkaratterizzata bl-għeluq tal-Programm Operattiv 2007-2013. Għal dan il-għan, saret ħidma kontinwa biex il-ħlas eliġibbli għall-fondi Ewropej jiġi pproċessat kollu sal-aħħar tas-sena. L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) kellu rwol kruċjali ta' moniteraġġ u rappurtaġġ fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti. Bħal fis-sena preċedenti, matul is-sena 2015, ġew ippreparati rapporti li l-għan tagħhom kien li jiddeskrivu l-progress milħuq fuq kull proġett (*Project Progress Report*).

Dan id-Direttorat ta assistenza lil dawk il-persuni li kienu inkarigati għall-implimentazzjoni tal-proġetti (*Project Leaders*). Saru wkoll diversi laqgħat mal-partijiet konċernati fosthom mal-

Awtorita' ta' Ġestjoni u Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi (FPD) sabiex jassigura li l-ħlas ta' pagamenti eliġibbli jitwettaq fil-ħin.

Ta' min isemmi wkoll li matul is-sena beda x-xogħol ta' ppjanar tan-nefqa ta' fondi Ewropej mill-Programm Operattiv 2014-2020 bi preparazzjoni għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet għal proġetti mistennija fl-2016. Għal dan il-għan saru numru ta' laqgħat mal-Awtorità ta' Ġestjoni u Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi kif ukoll laqgħat ta' koordinament ma' Ministeri u entitajiet oħra li fis-snin li ġejjin se jkunu qed jikkollaboraw mal-Ministeru fit-twettiq ta' proġetti dwar l-ilma, effiċjenza enerġetika u sorsi ta' enerġija rinovabbli.

Hawn taħt hija l-lista tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-Programm Operattiv 2007-2013 li kienu taħt l-amministrazzjoni tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija).

| Referenza tal-Proġett | L-isem tal-Proġett | Benefiċjarju | Is-sena li ġew approvati | Deskrizzjoni qasira tal-Proġett |
|---|---|---|---|---|
| ERDF341 | *Study for Deep Energy and Resource Retro-fitting of St. Vincent De Paul Hospital Residence* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2014 | Irreferi għas-sezzjoni *"Aġenzija dwar l-enerġija sostenibbli u konservazzjoni tal-ilma"* għal deskrizzjoni ta' dan il-proġett. |
| ERDF342 | *Renovating Public Buildings to Increase Energy Efficiency and Reduce GHG (Phase 1)* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2014 | Irreferi għas-sezzjoni *"Aġenzija dwar l-enerġija sostenibbli u konservazzjoni tal-ilma"* għal deskrizzjoni ta' dan il-proġett. |
| ERDF343 | *Retrofitting Road and Street Lighting by Smart Lighting* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2014 | Irreferi għas-sezzjoni *"Aġenzija dwar l-enerġija sostenibbli u konservazzjoni tal-ilma"* għal deskrizzjoni ta' dan il-proġett. |
| ERDF349 | *An Energy Roadmap- Towards Achieving Decarbonisation for The Maltese Islands* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2014 | Irreferi għas-sezzjoni *"Aġenzija dwar l-enerġija sostenibbli u konservazzjoni tal-ilma"* għal deskrizzjoni ta' dan il-proġett. |
| ERDF304 | *Use of Highly Polished Reclaimed* | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | 2013 | Il-proġett huwa mmirat li jipprovdi alternattiva għar-riżors tal-ilma għall-estrazzjoni taħt l-art privata. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Water in The Maltese Islands* | (WSC) | | Se jiġu installatti tliet '*polishing plants*' fl-impjant preżenti li jitratta l-ilma tad-drenaġġ sabiex jitkompla jitinaddaf dan l-ilma u jiġi prodott ilma li jkun jista' jintuża għal diversi skopijiet barra dawk tax-xorb. |
| ERDF334 | *Carbon Footprint Reduction Project* | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | 2014 | Dan il-proġett jiffoka fuq miżuri li jwasslu biex jitnaqqas il-'*carbon footprint*' li tiġġenera il-WSC. Din se tkun qed tiġi indirizzata permezz ta' tnaqqis fit-telf ta' frizzjoni fil-pajpijiet fosthom, il-pajpijiet mill-'*Pumping Station*' f'Ta' Bakkja għall-ġibjun f'Ta' Qali, il-pajpijiet mill-'*Booster*' f'Ta' Ħondoq għall-ġibjun f'Ta' Ċenċ u l-pajpijiet mill-ġibjun f'Ta' Qali għall-ġibjun fin-Naxxar. |
| CF355 | *Water Quality and Supply Improvement Project* | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | 2014 | Il-proġett jinvolvi tibdil fis-sistema f'dak li għandu x'jaqsam mal-kollezzjoni tal-ilma tal-pjan sabiex ikun hemm immaniġġjar aħjar fil-provvista ta' ilma ta' kwalità tajba għaż-żona fin-Nofsinhar Ċentrali ta' Malta, b'referenza partikolari għall-kontroll fil-livelli tan-nitrati. |
| CF356 | *Sewage System Extension and Upgrading Project* | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | 2014 | Dan il-proġett huwa estensjoni tan-netwerk tal-ġbir tal-ilma tad-drenaġġ li jgħaqqad il-villaġġ tal-Baħrija u ż-żoni rurali ta' Għajn Qajjet u Bieb ir-Ruwa għan-*network* ewlieni fir-Rabat. |
| EAFRD125 | *Private groundwater sources metering and reclaimed water supply for agriculture* | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | 2011 | L-iskop ta' dan il-proġett hu li tiġi żviluppata infrastruttura xierqa biex jiġi mkejjel l-ammont ta' ilma li jiġi estratt minn taħt l-art għal skopijiet agrikoli. |
| ERDF346 | *Assessment of sub-surface groundwater discharge in the Maltese Islands* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2014 | Irreferi għas-sezzjoni *"Aġenzija dwar l-enerġija sostenibbli u konservazzjoni tal-ilma"* għal deskrizzjoni ta' dan il-proġett. |
| ERDF088 | *Promotion of* | Regolatur | 2010 | Il-proġett huwa magħmul minn |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *Renewable Energy Sources in the Domestic Sources* | għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | | skema li tipprovdi appoġġ finanzjarju biex jiġu koperti parti mill-ispejjeż ta' investiment f'dak li għandu x'jaqsam ma sistemi domestiċi ta' enerġija rinovabbli (*solar water heaters* u pannelli PV). |
| ERDF288 | *Promotion of Renewable Energy Sources in the Domestic Sources (2012)* | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | 2013 | Il-proġett, bħal dak ta' qablu, huwa skema li tipprovdi appoġġ finanzjarju biex jiġu koperti parti mill-ispejjeż ta' investiment f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi domestiċi ta' enerġija rinovabbli (*solar water heaters* u pannelli PV). |
| ESF4.239 | *Optimising the Institutional Capacity for Integrated Water Resources Management* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2014 | Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ li jassiguraw li l-uffiċjali fl-istituzzjonijiet ewlenin, li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġġjar tal-ilma, ikunu aktar konxji u mħarrġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' sfidi emerġenti fis-settur tal-ilma f'Malta. |
| ESF 4.277 | *Expert Training on Energy Policy and Implementation* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2015 | Dan il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-kompetenza teknika ta' uffiċjali tal-gvern biex ikunu jistgħu jitfasslu *policies* aħjar u jimplimentaw proġetti aktar innovattivi marbutin mal-enerġija. |
| ESF 4.272 | *Optimising knowledge on renewable and energy efficiency directives* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2015 | Il-proġett għandu l-għan li jżid l-għarfien tal-uffiċjali tekniċi li jaħdmu maċ-ċivil f'dak li għandu x'jaqsam mal-miri ta' enerġija rinovabbli u enerġija t'effiċjenza li Malta trid tilħaq sas-sena 2020. |
| MT02/7 | *Malta Conservation Awareness Centre* | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) | 2015 | Il-proġett jikkonsisti fil-bini ta' Ċentru Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma fir-Rabat (Malta). Dan iċ-Ċentru se joffri esperjenza multimedjatika dwar l-importanza tal-ilma u l-bżonn ta' użu aħjar ta' dan ir-riżors. Barra minn hekk, iċ-Ċentru se jinkludi wkoll spazji miftuħa li jinkludu faċilitajiet bħal *hands-on science area* bl-iskop li joffri wkoll servizz ta' rikreazzjoni għall-familji |

**Tabella Nru.1: Lista ta' Proġetti Ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ministeru tal-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija)**

### *Pagamenti għall-Proġetti Finanzjati mill-Unjoni Ewropea*

Fis-sena 2015, l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (OPS) ħadem mill-qrib mad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi (DCS) tal-Ministeru flimkien mat-Teżor sabiex jiċċertifika l-pagamenti li għandhom x'jaqsmu ma' proġetti ffinanzjati mill-UE. Matul is-sena 2015, l-OPS iċċertifika pagamenti b'valur totali ta' ċirka €69,000,000.

It-tabella t'hawn taħt turi il-pagamenti kollha li saru fis-sena 2014 u fis-sena 2015 għall-proġetti kollha li kienu taħt l-amministrazzjoni tal-Ministeru għall- Enerġija u s-Saħħa (Enerġija).

**Tabella 2: Pagamenti li saru għall-proġetti li kienu taħt l-amministrazzjoni tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija).**

| Referenza għall-Proġett | Pagamenti fis-sena 2014 | Pagamenti fis-sena 2015 | Total |
|---|---|---|---|
| ERDF341 | €21,180.00 | €205,963.20 | €227,143.20 |
| ERDF342 | €8,677.37 | €2,851,714.93 | €2,860,392.30 |
| ERDF343 | €7,328.00 | €2,774,665.27 | €2,781,993.27 |
| ERDF349 | €1,710.00 | €439,202.44 | €440,912.44 |
| ERDF334 | €3,225,805.42 | €3,532,361.32 | €6,758,166.74 |
| CF355 | €27,606.77 | €14,982,729.69 | €15,010,336.46 |
| CF356 | €619,511.26 | €7,088,985.12 | €7,708,496.38 |
| ERDF346 | €3,251.00 | €200,014.88 | €203,265.88 |
| ERDF088 | €172,476.38 | €14,416,997.71 | €14,589,474.09 |
| ERDF288 | €15,350,936.74 | €10,321,255.68 | €25,672,192.42 |
| ERDF 304 | €3,140,866.96 | €11,952,258.41 | €15,093,125.37 |
| ESF4.239 | €0.00 | €46,936.88 | €46,936.88 |
| ESF 4.277 | €0.00 | €74,973.36 | €74,973.36 |
| ESF 4.272 | €0.00 | €74,250.00 | €74,250.00 |
| **Total** | **€22,579,349.90** | **€68,962,308.89** | **€91,541,658.79** |

# Direttorat għal Servizzi Korporattivi

## GĦANIJIET

Ix-xogħol ewlieni tad-Direttorat għal Servizzi Korporattivi huwa li jipprovdi sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti u lid-dipartimenti u l-entitajiet fi ħdan il-Ministeru rigward il-kwistjonijiet tal-ġestjoni tal-finanzi, tal-uffiċċju, tar-riżorsi umani u x-xiri.

Id-Direttorat għandu r-responsabbiltà li jikkordina l-attivitajiet li huma ta' natura korporattiva, u tal-implimentazzjoni tad-direttivi tal-*policies* u ċ-ċirkularijiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministru għall-Finanzi, u l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, sabiex tiżgura li l-operat tal-Ministeru jkun fuq l-istess linja ma' tas-Servizz Pubbliku. Id-Direttorat jiżgura wkoll li d-direttivi maħruġa mill-Ministru jiġu segwiti.

Id-Direttorat fl-aħħar tal-2015 kien magħmul minn Direttur, Assitent Direttur, erba' Prinċipali, żewġ Assistenti Prinċipali, tliet Skrivana u Assistent Skrivan u uffiċjal fuq dmirjiet ta' Messaġġier..

## FINANZI

Matul l-2015 il-fondi allokati mill-Estimi Finanzjarju lill-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) kienu amministrati mid-Direttorat għal Servizzi Korporattivi.

Id-Direttorat segwa l-infiq rikurrenti tal-Ministeru fuq bażi ta' kull xahar. Ingħataw pariri u sapport lill-Ministeru/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti u s-SEWCU fid-dawl tal-estimi riveduti ta' kull xahar li ġew ippreparati biex jassistu fil-ġestjoni finanzjarja. Permezz ta' koperazzjoni kontinwa fl-amministrazzjoni tal-fondi tal-Ministeru, tad-dipartimenti u l-entitajiet tal-Ministeru, kien żgurat li meta l-fondi allokati ma kinux biżżejjed, ġew segwiti l-proċeduri propja u korretti. Ittieħdet azzjoni immedjata biex isiru *virements* fejn hemm bżonn, biex l-ispiża tibqa' fil-baġit allokat.

Id-Direttorat analizza wkoll l-informazzjoni finanzjarja li ntbagħtet minn entitajiet varji qabel toħroġ rakkomandazzjonijiet fuq ir-rilaxx ta' ammonti ta' flus perjodiċi lill-Ministeru għall-Finanzi.

Sar sforz biex jiġi żgurat li l-fatturi tal-prodotti u s-servizzi jitħallsu qabel tmiem is-sena sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impenji finanzjarji għas-sena 2016.

Id-Direttorat ikkopera wkoll mal-entitajiet kollha inkluż is-SEWCU (Aġenzija dwar l-Enerġija Sostennibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma) rigward il-Programmi u l-Inizjattivi varji li jaqgħu taħt il-Ministeru biex jiżgura ħidma mingħajr tfixkil.

Fi żmien stabbilit, iddaħħlu d-dispożizzjonijiet tal-baġit kif maħruġa fiċ-Ċirkulari tal-MFIN fis-sistema DAS u sar ix-xogħol biex jiġi ikkordinat id-dħul tal-estimi għad-dipartimenti li jaqgħu fil-Ministeru.

Id-Direttorat segwa mill-viċin l-abbozzar tal-estimi finanzjarji tal-2016. Inġabru, ġew analizzati u ppreżentati l-*business/HR plans* lill-Ministru u s-Segretarju Permanenti bħala bażi għad-diskussjonijiet tagħhom mal-Ministeru għall-Finanzi għall-estimi tal-2016.

## Riżorsi Umani

Matul l-2015 id-Direttorat ipprovda sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti u lill-kapijiet tad-dipartimenti u l-entitajiet tal-Ministeru biex jassiguraw li l-*policies*, il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni relevanti relatati mar-riżorsi umani flimkien mad-Direttivi l-ġodda maħruġa mill-Uffiċċju tal-Segretarju Permanenti Prinċipali jiġu segwiti.

Flimkien mal-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, inħarġu numru ta' sejħiet għall-ingaġġ u reklutaġġ ta' impjegati ġodda fi ħdan il-Ministeru u d-dipartimenti. Dan jinkludi wkoll sejħiet maħruġa mas-SEWCU.

Id-Direttorat wettaq u kkordina l-progressjoni u l-promozzjoni ta' impjegati skont il-Ftehim tal-Klassifikazzjoni rispettivi, sar ix-xogħol tal-Performance Management Programme (PMP) għall-impjegati tal-gradi tas-servizzi ġenerali, u meta mitlub, ħareġ numru ta' GP47.

Id-Direttorat kien responsabbli għall-kordinazzjoni tal-eżerċizzju tal-*capacity building (HR Plan)* tal-Ministeru li ġie ppreżentat lill-Ministeru għall-Finanzi u l-PAHRO. Matul dan il-proċess, is-sottomissjonijiet mibgħuta mid-dipartimenti u l-entitajiet inġabru, ġew analizzati u ppreżentati lis-Segretarju Permanenti.

L-Uffiċjali tad-Direttorat attendew taħriġ dwar is-sistema tal-*accounting* DAS, is-sistema tal-*e-procurement,* il-ġestjoni finanzjarja u diversi korsijiet oħra tas-CDRT.

### *Salaries Support Unit*

Is-Salaries Support Unit huwa responsabbli mill-iskambju ta' informazzjoni li tintbagħat minn dan id-Direttorat lit-Taqsima tas-Salarji li hija bbażata f'Għawdex u li jagħmlu l-komputazzjoni tas-salarji kollha ta' dan il-Ministeru. Din it-Taqsima sservi bħala uffiċċju fejn tinġabar l-informazzjoni kollha rigward il-komputazzjoni korretta tas-salarji, minbarra li sservi bħala taqsima tal-*customer-care* għall-impjegati.

Is-salarji kollha tad-dipartiment/taqsimiet kollha fi ħdan il-Ministeru jiġu pproċessati mill-impjegati tal-Ministeru għall-Għawdex. Din it-Taqsima ssegwi mill-qrib l-operat ta' dan ix-xogħol tal-*back-office* li jsir f'Għawdex filwaqt li jaraw li jinżammu l-livelli ta' effiċjenza għolja mixtieqa minn din it-Taqsima.

### *Travel Support Unit*

Id-Direttorat jipprovdi assistenza fil-preparamenti tad-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa mill-Uffiċjali tal-Ministeru meta jsiefru fuq dmirijiet uffiċjali. Dan jinkludi x-xiri tal-biljetti tal-ajru u l-ħruġ tat-*travel advances* tal-imsemmija uffiċjali.

## Xiri u Provvisti

Id-Direttorat ħareġ numru ta' sejħiet għall-kwotazzjonijiet għax-xiri ta' diversi oġġetti essenzjali għall-operat effettiv tal-Ministeru.

Responsabbiltajiet:

- ix-xiri tal-bżonnijiet kollha tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija) kif ukoll għall-ħruġ tal-kuntratti kollha meħtieġa biex jiġu implimentati diversi proġetti primarjament dawk imwettqa mill-Aġenzija dwar l-Enerġija Sostennibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma (SEWCU) li jaqgħu taħt il-portafoll tal-Ministeru;

- ipproċessar ta' rekwiżiti għax-xiri ta' kull tip ta' materjal, apparat, *stationery*, ix-xiri u t-tiswija ta' makkinarju u apparat, u affarijiet oħra permezz tal-kuntratturi perjodiċi nominati u mis-suq miftuħ;
- il-ġbir u l-ġestjoni tal-inventarju tal-Ministeru.

### AMMINISTRAZZJONI

Id-Direttorat stabbilixxa sistema ta' *registry* għall-Ministeru l-ġdid, li jirrifletti l-proċeduri tal-operat stabbiliti.

Id-Direttorat jikkordinaw ukoll ir-risposti għall-Mistoqsijiet Parlamentari mibgħuta lill-Ministeru.

Ingħata taħriġ informali lill-uffiċjali dwar l-użu tal-*Fleet Management System* u l-vetturi tal-Ministeru ġew reġistrati fis-sistema sabiex fl-2015 ikun jista' jingħata sapport meħtieġ lil min juża l-vetturi b'mod dirett. Ittieħdu miżuri sabiex jiżgura li l-konsum tal-*fuel* jinżamm fil-limiti preskritti u li l-vetturi jinżammu skont l-istandards meħtieġa.

### KUMITAT TAL-KUNTRATTI DIPARTIMENTALI (DCC)

Id-DCC tal-Ministeru eżamina 249 Offerta Dipartimentali rigward it-Taqsimiet u l-entitajiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija).

### RAPPORT ANNWALI 2014 (NAO)

Ir-rapport annwali għas-sena 2014 maħruġ mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali identifika xi nuqqasijiet fl-implementazzjoni ta proċessi amministrattivi u finanzjarji fil-Ministeru u ssuġġerixxa numru ta' azzjonijiet korrettivi biex dawn in-nuqqasijiet ma jibqgħux isiru. Għaldaqstant, matul is-sena 2015 dan id-Direttorat kien kommess bis-sħiħ li jattwa r-rakkomandazzjonijiet indikati f'dan ir-rapport u fillfatt dawn ġew imwettqa kollha matul l-2015.

## KONKLUŻJONI

Matul is-sena 2015 id-Direttorat għal Servizzi Korporattivi permezz tal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, kkontribwixxa b'mod effettiv sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-missjoni tal-Ministeru sabiex jiggarantixxu kwalità ta' ħajja aħjar permezz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi għad-dispożizzjoni.

Raymond Farrugia
*Direttur - Servizzi Korporattivi*

# Information Management Unit

## INTRODUZZJONI

L-Information Management Unit (IMU) huwa responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-ICT tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Enerġija). Il-funzjoni titmexxa mic-*Chief Information Officer*, li r-rwol tiegħu huwa li jiġi żgurat l-allinjament tal-informazzjoni u l-IT mal-għanijiet u l-prijoritajiet prinċipali tal-Ministeru, kif ukoll mal-missjoni globali, il-Manifest Elettorali, il-Miżuri tal-Baġit kif ukoll l-viżjoni inkorporati fl-istrateġija Nazzjonali tal-ICT f'Malta mibnija fuq l-Istrateġija Nazzjonali tal-Gvern u l-miri tal-Ewropa 2020.

Fost il-funzjonijiet ewlenin (*core functions*) tal-IMU, il-Governanza tal-ICT kienet inkorporata fl-operazzjonijiet kollha tal-Ministeru u b'mod kontinwu. Għal dan il-għan, l-IMU jipprovdi tmexxija u kontroll permezz ta' *policies* u proċeduri kif meħtieġ. Fost dawn il-polcies tajjeb li nsemmu l-ICT *Governance Framework* li huwa linja gwida dwar l-adozzjoni u l-użu tat-teknoloġija fi ħdan il-Ministeru, li jikkonsisti minn sett ta' *policies* (magħrufa bħala GMICT *Policies*). Permezz ta' dan il-*framework* l-IMU jagħti direzzjoni lid-dipartimenti konċernati biex tiġi salvagwardjata u implimentata l-governanza tal-ICT fil-kuntest tagħhom ta' kontabilità fl-għoti tas-servizz u responsabbiltà.

Id-direzzjoni tal-IMU fi ħdan il-Ministeru (Enerġija), hija li tkompli ttejjeb it-tixrid ta' servizzi *online* kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll ġo ħdan is-Servizz Pubbliku. Fil-fatt l-IMU, b'kollaborazzjoni mal-MITA, beda programm ta' xogħol li bih ikun jista' jespandi fuq is-servizzi eżistenti kif ukoll biex jissimplifika l-proċessi interni (*workflows*) u jittrasformahom f'formoli *online*.

Dan li ġej huwa sommarju tal-proġetti ewlenin u inizjattivi li fihom l-IMU kien involut matul is-sena taħt reviżjoni.

### *Moniteraġġ ta' kampjun ta' kompjuters bl-assistenza biex jitkejjel il-konsum kurrenti ta' enerġija*

L-inizzjattiva (*Government Desktops Power Management Initiative*) tinvolvi moniteraġġ ta' kampjun ta' kompjuters bl-assistenza tal-MITA biex jitkejjel il-konsum kurrenti ta' enerġija u jiġi stabbilit *benchmark* madwar is-Servizz Pubbliku u eventwalment l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa biex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija ġenerata mill-kompjuters u allura nistabbilixxu gwadanji fl-effiċjenza enerġetika. Din l-inizjattiva ser tkun qiegħda taffettwa 'l fuq minn tletin elf kompjuter tal-Gvern.

F'dan il-kuntest matul is-sena 2015, l-eżerċizzju ta' moniteraġġ ġie magħmul sabiex tiġi stabbilita linja bażi fuq tul ta' sena. Dettalji addizzjonali tal-entitajiet kollha li qegħdin jipparteċipaw fl-inizjattiva ttieħdu u l-informazzjoni tal-konsum għall-*desktops* u *laptops* ġew trasformati f'data minn *readings* meħuda matul għoxrin xahar. Żewġ *datasets* dettaljati ġew estratti f'Jannar u f'Lulju. Ir-referenza ser tintuża waqt stadju aktar tard għal-proġett fl-2016, meta *s-settings* tal-ġestjoni tal-enerġija (*power options*) jitħaddmu. Dan it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ser jikkontribwixxi għall-miri nazzjonali tal-iffrankar tal-enerġija. (Din is-sistema ġiet proposta bħala inizjattiva ġdida ta' Malta Diġitali li tirrifletti l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020 - relatata ma' azzjoni 34, www.digitalmalta.gov.mt).

### *Data Ġeografika għall-protezzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma*

Proġett li jikkonsisti minn pjattaforma GIS biex tippermetti l-ipproċessar ta' *data* ġeospazjali (*spatial data)* fl-ambitu tal-iżvilupp tal-mappa nazzjonali u domanda għall-ilma. L-IMU u SEWCU qed jaħdmu biex issir riċerka u koordinazzjoni neċessarja, anke ma' Ministeri oħra, biex tintgħażel l-aħjar teknoloġija u anke l-possibbilità ta' integrazzjoni ma' sistemi eżistenti. L-inizjattiva għadha għaddejja u diskussjonijiet rigward servizz unifikat li jikkonforma mas-sistema taħt id-direttiva tal-Unjoni Ewropea INSPIRE (*Infrastructure for Spatial Information in the European Community*), qed iseħħu u jiġu attwati matul l-ewwel kwart tas-sena 2016. (Din is-sistema ġiet aċċettata bħala inizjattiva ġdida ta' Malta Diġitali li tirrifletti l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020 - relatata ma' azzjoni 34, www.digitalmalta.gov.mt).

### *Software għas-Simulazzjoni tal-Enerġija Dinamika*

Bħala parti mit-tfassil ta' politika effettiva u miżuri ta' enerġija effiċjenti, l-IMU wettqet ir-riċerka neċessarja li wasslet biex inxtrat din sistema li tuża *state-of-the-art software* biex b'mod dinamiku tissimula l-konsum ta' enerġija konsistenti mal-klima ta' Malta. (Din is-sistema ġiet acetata bħala inizjattiva ġdida ta' Malta Digitali li tirrifletti l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020 - relatata ma' azzjoni 34, www.digitalmalta.gov.mt).

### *Simplifikazzjoni tar-Requisition Form*

L-IMU fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u Enerġija (Enerġija) qiegħed jagħti kontribut importanti fi proġett pilota biex jissimplifika l-proċess tar-*Requisition Form* ġestit mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi. Il-proġett jikkonsisti minn formola *online* li permezz ta' *business workflow* awtomizzat tissimplifika l-proċess amministrattiv waqt li fl-istess ħin tnaqqas il-burokrazija u ttejjeb l-effiċjenza. Għal dan il-għan qed ikunu strumentali sensiela ta' *workshops* organizzati mill-IMU li permezz tagħhom jiġu skambjati ideat biex ir-rekwiżiti bażiċi jiġu milħuqa. Dan il-progett se jkun komponent minn *SharePoint Portal Collaboration System*. Din hi pjattaforma ta' kollaborazzjoni fil-Ministeru għall-ġestjoni tad-dokumenti li tifforma parti minn *Intranet Portal* ġdid ċentrali għall-Gvern. Dan is-sit elettroniku ibbażat fuq teknoloġija Microsoft *SharePoint Portal* u kopert bil-liċenzji tal-*Enterprise Agreement* ser inaqqas spejjeż infrastrutturali u jipprovdi esperjenza produttiva aħjar u mingħajr ma tkun kompromessa s-sigurtà.

Is-sistema ġiet rakkomandata peress li f'kull Ministeru hemm rekwiżiti bażiċi fil-b*usiness workflows* u proċeduri varji li spiss jinkludu:

- It-tmexxija ċentrali sikura u kollaborattiva ta' dokumenti madwar il-Ministeri, kif ukoll, f'livell ta' grupp;
- Il-qsim intern tal-informazzjoni u l-kontenut;
- L-awtomazzjoni ta' proċessi nterni u *workflows* li jvarjaw minn formola elettronika tal-*leave*, prenotazzjoni ta' riżorsi, għall-proċessi iktar kumplessi bħal *Travel Management system* eċċetra.
- L-aċċess għar-rapporti u d-data b'mod formali, sikura u awtomatizzati, biex jissostitwixxu informazzjoni miżmuma manwalment jew diversi Excel *spreadsheets*;

### *Sistema tat-telefonija 'IP PABX'*

Din is-sistema qed tiġi installata fil-Ministeru tas-Saħħa u Enerġija (Enerġija) u s-Segretarjat. Din is-sistema ser tgħaddi minn fuq in-*network* eżistenti tal-Gvern (MAGNET). L-installazzjoni tal-IP PABX ġdida ħa tipprovdi liċenzji ġodda biex tissodisfa t-talbiet li jaqgħu taħt din il-faċilità iżda

wkoll tipprovdi iktar effiċjenza, għax minbarra li tieħu vantaġġ tal-VoIP *routing*, l-IP PABX tnaqqas l-ispejjeż fuq medda twila ta' żmien.

### *Green Initiatives*

L-għan ewlieni hu li l-IMU jadotta xiri ta' *printers/copiers* li huma effiċjenti, irħas u li jikkunsmaw inqas enerġija. Għal dan il-għan ġew imfassla dettalji tekniċi għall-*printers/copiers* b'mod konformi mal-miri tal-*Green Initiative*. Matul il-proċess ta' *Tenders/RFQ*, intgħażlu l-irħas *printers/copiers* li jkunu jissodisfaw dawn il-kriterji, kif mfassla fid-dettalji tekniċi.

Biex jigi żgurat kontroll fuq l-ispejjeż tal-istampar, il-*multifunction printer/copiers* li ġew mixtrija kapaċi jżommu d-dettalji tal-*printing* li jkun sar, inkluż l-ammonti li kull persuna tipprintja. Dan jgħin biex jinżamm kontroll fuq l-ispejjeż tal-ikkupjar u l-istampar. Barra minn hekk l-IMU qiegħed janalizza din l-infomazzjoni biex jiżgura li dawn il-magni qed jagħtu lura dak li kien mistenni. Qed jigi żgurat ukoll li dawn il-magni jkollhom l-aħħar teknoloġiji, dan biex niżguraw li l-miri tal-*Green initiative* jkunu milħuqa.

F'dan il-kuntest l-IMU ħa ħsieb jinkoraġġixxi lill-ħaddiema fil-Ministeru biex jaddottaw prattiċi li huma favur din l-inizjattiva u fl-istess ħin jitkabbar l-għarfien ambjentali mal-uffiċjali. Eżempju, li jitnaqqas l-ikkupjar jew l-istampar, jintuża *duplex printing* (stampar fuq żewġ naħat tal-karta), stampar bil-kulur jintuża biss fejn ikun hemm il bżonn eċċ. L-IMU ser jibqa' jippromwovi metodi u teknoloġiji tal-istampar li huma iktar sostenibbli.

### *Action Team għall-abbozz tal-policy fuq il-Media Soċjali*

Is-CIO ħadem bħala membru fuq l-*Action Team* għall-abbozz tal-*policy* fuq il-*Media* Soċjali. Il-policy tiffaċilita' aktar promulgazzjoni tal-*Media* Soċjali b'mod li ssaħħaħ u tissalvagwardja l-immaġini tas-Servizz Pubbliku. Il-*policy* għandha l-għan li tippromwovi l-benefiċċji mill-użu tal-*Media* Soċjali filwaqt li tiddeskrivi sett ta' prinċipji bħala gwida għall-użu xieraq tiegħu fis-Servizz Pubbliku, sabiex timminimizza r-riskji għar-reputazzjoni tal-individwu u dik tas-Servizz Pubbliku u għall-informazzjoni kunfidenzjali u informazzjoni proprjetarja.

### *ICT Class fi ħdan is-Servizz Pubbliku*

Is-CIO ħadem bħala membru fuq l-*Action Team* għall-ICT *Class* fi ħdan is-Servizz Pubbliku. B'dan il-proċess l-istruttura taċ-*Chief Information Officers* fi ħdan il-Ministeri, se tkun miġbura fi klassi għaliha li b'hekk is-settur tal-ICT jagħmel parti integrali mis-Servizz Pubbliku. Permezz ta' din il-klassi l-ġdida, is-CIO's se jkunu f'pożizzjoni aħjar li jimplimentaw il-viżjoni għas-Servizz Pubbliku, dik ta' servizz erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, matul is-sena kollha.

Parteċipazzjoni f'diversi laqgħat mal-PACBU (*Public Administration Collective Bargaining Unit*), CIOs u ICT staff fis-settur, biex ikunu diskussi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex il-klassi tal-ICT tkun waħda attraenti kemm għall-uffiċjali fis-Servizz Pubbliku kif ukoll ghal dawk prospettivi. Id-diskussjonijiet mal-PACBU għadhom għaddejjin.

# Aġenzija dwar l-Enerġija Sostenibbli u Konservazzjoni tal-ilma (SEWCU)

Matul l-2015, l-Aġenzija dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma tat appoġġ kontinwu lill-Ministeru hekk kif mistenni skont il-missjoni tagħha biex tippromwovi u żżid is-sigurtà, effiċjenza u aċċessibiltà għal riżorsi tal-enerġija u tal-ilma għal iżjed kompetittività u kwalità ta' ħajja aħjar. Dan filwaqt li tiżgura l-eċċellenza fl-infrastrutturi tal-enerġija u tal-ilma u li tingħata prijorità lill-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u l-promozzjoni ta' enerġija aktar ekoloġika.

Il-funzjonijiet tat-Taqsima jinkludu:

- l-iddisinjar, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika u l-miżuri dwar l-enerġija konvenzjonali u alternattiva flimkien mal-konservazzjoni tal-ilma u biex tiżgura li jkun hemm governanza mifruxa bejn u fi ħdan il-Ministeri, Dipartimenti u entitajiet governattivi;
- il-moniteraġġ, ir-reviżjoni u l-aġġornar tal-politika dwar enerġija konvenzjonali, l-enerġija alternattiva u l-ilma skont il-ħtiġiet tal-Unjoni Ewropea u dawk internazzjonali;
- tmexxi u tikkoordina proġetti kofinanzjati li għandhom x'jaqsmu mal-enerġija konvenzjonali, l-enerġija alternattiva u l-ilma fil-Ministeri kollha;
- l-iddisinjar, l-iżvilupp u l-immaniġġjar ta' għarfien sostnut, edukazzjoni, informazzjoni u qafas ta' komunikazzjoni li hu maħsub biex jinfluwenza l-imġiba fir-rigward tal-użu ta' enerġija alternattiva u l-ilma.

Matul is-sena, l-Aġenzija SEWCU kompliet tikber fl-operat tagħha u għaldaqstant kellha tingaġġa magħha aktar persuni skont ftehim fuq struttura li ġiet approvata mill-PACBU għal dan il-għan. Fil-fatt matul l-2015, tliet persuni ġew *detailed* minn maċ-Ċivil għal mal-Aġenzija filwaqt li iddaħħlu jaħdmu ukoll persuni oħra fl-amministrazzjoni u fl-immaniġġjar tal-proġetti.

## TAQSIMA ENERĠIJA

### L-IŻVILUPP FIS-SETTUR TAL-GASS NATURALI

#### *Il-Konnessjoni ta' Malta man-Network tal-Gass Ewropew*

Il-Gvern ta' Malta hu impenjat li jaqleb il-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-gass naturali li hu *fuel* nadif imqabbel ma dawk aktar konvenzjonali. F'dan ir-rigward, il-qalba għal dan il *fuel* diġà nbdiet u konformi mal-konklużjoni tal-Kunsill Ewropew li "*L-ebda stat membru ma għandu jibqa' iżolat minn man-network tal-gass jew tal-elettriku wara l-2015 jew li jkollu li s-sigurtà tal-enerġija tiegħu fil-periklu minħabba n-nuqqas ta' konnessjonijiet xierqa*"; il-Gvern għandu l-intenzjoni wkoll li jtemm l-iżolament ta' Malta minn *network* Ewropew tal-gass naturali.

Għal dan il-għan, it-Taqsima qed taġixxi bħala Promotur biex tippjana u timplimenta l-interkonnessjoni fissa permezz ta' *pipeline* bejn Malta u Sqallija. Dan il-*pipeline* ser jipprovdi gass naturali għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, għas-suq intern, kif ukoll għad-domanda futura tal-*bunkering* permezz tal-LNG (Gass Naturali Likwifikat) u ser jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq, itejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u jżid id-diversifikazzjoni tal-karburanti tal-pajjiż. Għalkemm il-proġett għadu fil-bidu tiegħu, fl-aħħar sena, it-Taqsima kienet attiva ħafna biex tlesti studji preliminari marbuta mal-proġett li jinkludu involviment f'komunikazzjonijiet mal-awtoritajiet Maltin u Taljani kif ukoll ma' entitajiet oħra rispettivi. Il-proġett ġie identifikat bħala Proġett ta' Interess Komuni (PCI) fl-2013 u reġa' ġie ikkonfermat fit-tieni lista ta' PCI f'Novembru tat-2015 wara kontribuzzjoni attiv mit-Taqsima. Kif ġie stipulat f'Regolament 347/2013 li jittratta dwar linji gwida għall-infrastruttura trans-Ewropea, proġetti li huma PCI, jibbenefikaw min proċessi ta' ħruġ ta' permessi b'ritmu aktar mgħaġġel, trattament regolatorju imtejjeb, u appoġġ finanzjarju permezz ta' għotjiet kemm għal xogħlijiet kif ukoll għal studji taħt il-programm "*Connecting Europe Facility*" (CEF). Twaqqfet ukoll *website* (https://sewcu.gov.mt/en/Pages/PCI-Gas-Pipeline.aspx) apposta għal promozzjoni ta' dan il-proġett.

### *Studju tal-Fattibilita' Preliminarja u Analiżi tal-Infiq/Benefiċċji finanzjati mill-Programm TEN-E*

Studju tal-Fattibilità Preliminarja u Analiżi tal-Infiq/Benefiċċji li 50% ġie ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, fil-qasam tan-*Networks* Trans-Ewropej tal-Enerġija (TEN-E) tlesta f'April tal-2015. L-istudju identifika il-vijabilità teknika u finanzjarja tal-proġett, li kien jinkludi impatt ambjentali/eżami tar-riskji f'livell għoli, u aspetti leġislattivi/regolatorji li japplikaw għall-proġett.

L-evalwazzjoni finanzjarja u ekonomika identifikat *pipeline* tal-gass b'diametru ta' 22 pulzier bejn Gela (Sqallija) u Delimara (Malta) bħala l-aktar soluzzjoni fattibbli li tista' tiġi kkunsidrata bħala l-ewwel fażi tal implementazzjoni tal-PCI. Il-possibbiltà li l-gass li jiġi minn FSRU (*Floating Storage and Regasification Unit*), li jkun sorġut madwar tnax-il kilometru barra minn Malta, ikun esportat lejn l-Italja qiegħed potenzjalment jiġi kunsidrat bħala t-tieni fażi tal-proġett u suġġett għal analiżi aktar fil-fond kif ukoll għall-iżvilupp tas-suq.

### *Connecting Europe Facility (CEF) u Studji Futuri*

Bħalma ġie konkluż fl-istudju tal-fattibilità preliminarja, l-istadju attwali tal-proġett hu li jsiru studji tekniċi li jinkludu l-identifikazzjoni tar-rotta u disinn preliminarji; b'hekk ikunu jitħejjew d-dokumenti biex jinbeda l-proċess tal-permessi ambjentali. Għal dan il-għan, nħarġet offerta pubblika li ġiet ippubblikata fit-2 ta' Ġunju 2015 u ngħalqet fl-14 ta' Lulju 2015. Il-kuntratt għal dan l-istudju ngħata lil Tractebel Engineering S.p.A. fid-9 ta' Novembru 2015 u mistenni li jitlesta fi żmien tmintax-il xahar. F'April tal-2015, il-Ministeru tas-Saħħa u l-Enerġija (Enerġija) ssottometta proposta għal ko-finanzjament għal dan l-istudju u f'Lulju tal-2015, il-proposta kienet magħżula mill-Kummissjoni Ewropea u ingħatat għotja massima ta' €400,000 b'rata ta' kofinanzjament tal-50% taħt l-ewwel sejħa tal-programm CEF (Enerġija). L-istudju se jinvolvi l-identifikazzjoni tar-rotta li tinkludi disinn preliminarju għal *pipeline* tal-gass u apparat relatat u tal-abbozzar tar-rapporti dwar l-iskop rikjesti għal proċeduri tal-permess ambjentali kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja.

## DIRETTIVA DWAR L-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA

SEWCU kompliet bl-implimentazzjoni tal-Artikoli speċifiċi tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED), id-Direttiva 2012/27/UE tal-Kunsill tal-25 t'Ottubru 2012 dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, li saret liġi Maltija permezz tal-Avviż Legali 196 tal-2014, bit-titolu – *Regolamenti tal-2014 dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni*.

Konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva, f'April ta' 2015, Malta ressqet ir-rapport tagħha dwar il-progress miksub lejn il-miri tal-effiċjenza fl-enerġija nazzjonali. Ir-rapport għall-2013 indika tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll tnaqqis fil-konsum finali tal-enerġija f'diversi setturi.

Ħafna mix-xogħol relatat mad-EED hu marbut mar-Regolament 10(9) tal-Avviż Legali 196 tal-2014, li jobbliga impriżi li mhumiex SMEs iwettqu verifiki tal-enerġija. Wara li stabbiliet ir-rekwiżit għat-twettiq tal-verifiki tal-enerġija, SEWCU u r-Regulatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) ħarġu Nota Gwida biex tiddeeriegi impriżi li mhumiex SMEs kif għandhom iwettqu il-verifiki tal-enerġija. Konformi mar-rekwiżit stabbilit fir-Regolament 10(2), SEWCU ħarġet offerta għall-provvista ta' servizz għal sistema indipendenti fuq kontroll tal-kwalità għall-verifiki tal-enerġija. Il-kuntrattur magħżul se jevalwa l-kwalità tar-rapporti tal-verifiki tal-enerġija kkummissjonati minn impriżi li mhumiex SMEs u jiddetermina jekk dawn humiex konformi mal-ISO 50002 u li speċifikament huma bbażati fuq il-kriterji minimi identifikati fi Skeda V parti B tal-Avviż Legali 196 tal-2014.

Sabiex l-eżerċizzju obbligatorju tal-verifiki tal-enerġija iservi bħala miżura konkreta, SEWCU ngħaqdet mal-Malta Business Bureau li qed tikkollabora ma' impriżi li mhumiex SMEs sabiex jippromwovu ftehim volontarju għal-effiċjenza fl-enerġija. L-eżerċizzju kien suċċess kbir u diġà ġie iffirmat ftehim ma mhux anqas minn disa' entitajiet sa l-aħħar tal-2015.

Rapport ieħor importanti meħtieġ skont ir-Regolament 16 tal-Avviż Legali 196 tal-2014 hija l-istima komprensiva tal-potenzjal għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u tat-tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti. Dan twettaq u kien sottomess lill-Kummissjoni kif meħtieġ sa tmiem l-2015.

SEWCU rrevediet ukoll ir-rapport imħejji mill-Enemalta plc (EM) biex iwettqu ir-rekwiżiti tar-Regolament 17(2) tal-Avviż Legali 196 l-014. Konsultazzjonijiet għadhom għaddejjin mal-EM plc u l-REWS għall-valutazzjoni tar-rapport bil-għan li jsegwi titjib fin-*network* ta' distribuzzjoni tal-elettriku.

Minħabba l-obbligu ta' verifiki tal-enerġija minn impriżi li ma jkunux SMEs, skont Regolament 18(1) tal-Avviż Legali 196 tal-2014, jeħtieġ li jkunu disponibbli programmi ta' taħriġ xierqa għal awdituri tal-enerġija u amministraturi ta' enerġija. SEWCU flimkien mar-REWS ħejjew eżerċizzju għad-disponibbiltà ta' awdituri tal-enerġija fuq il-gżejjer Maltin u kkonsolidaw l-għarfien tekniku eżistenti biex ġie determinat kif l-verifiki tal-enerġija taħt l-obbligu fir-Regolament 10(9) għandhom jiġu esegwiti f'konformità ma' ISO 50002. REWS approva l-korsijiet u mat-tmiem 2015 aktar minn 50 awditur tal-enerġija kienu disponibbli għal impriżi li ma jkunux SMEs sabiex jitwettaq dan l-obbligu.

Xogħol ieħor importanti taħt ir-Regolamenti tal-2014 dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni huwa l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament 6. Taħt dan ir-regolament l-

awtoritajiet kontraenti, għandhom jiżguraw li l-prodotti, servizzi u bini bi prestazzjoni t'effiċjenza ta' enerġija għolja biss huma mixtrija. Saru diskussjonijiet ma' diversi entitajiet ikkonċernati, inklużi d-Dipartiment tal-Kuntratti, l-Uffiċċju għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku, u l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Avviż ta' Akkwist Pubbliku ser jiġi ppubblikati fl-2016.

Matul l-2015 saru eżerċizzji diversi għall-monitoraġġ u l-verifika tal-enerġija ffrankata. Miżuri li għadhom ma daħlux fis-seħħ qed jiġu mfassla bil-ħsieb li jkun xprunat l-ffrankar tal-enerġija skont il-livell ta' appoġġ nazzjonali pprovdut.

## DIRETTIVA DWAR IL-PROMOZZJONI TAL-UŻU TAL-ENERĠIJA MINN SORSI LI JIĠĠEDDU

Konformi mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 t' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, l-Istati Membri huma obbligati li jissottomettu rapport lill-Kummissjoni fuq il-progress tal-pajjiż fil-promozzjoni u l-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu sa Diċembru 2011, u kull sentejn wara.

F'Diċembru 2015, tlesta u ntbagħat ir-rapport tal-progress fil-promozzjoni u l-użu ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu għal Malta għas-snin 2013 u 2014 kif mitlub mid-Direttiva. Is-sehem tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-konsum gross finali tal-enerġija għas-snin 2013 u 2014 kienu 3.7% u 4.7% rispettivament. Il-medja ta' dawn is-sentejn tiġi ekwivalenti għal sehem ta' 4.2% ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu. Din il-figura tisboq it-tragward minimu stabbilit fil-Parti B tal-Anness I tal-istess Direttiva.

Fis-sena 2015, SEWCU issorveljat mill-qrib l-implimentazzjoni u l-progress miksub fl-enerġija li tiġġedded bil-kollaborazzjoni ta' entitajiet rispettivi bil-għan li jintlaħqu l-miri mandatorji tat-2020.

Il-qafas legali li jsostni iż-żieda f'teknoloġija ta' enerġija li tiġġedded baqa' jiġi aġġornat b'avviżi legali ippublikati b'kollaborazzjoni mar-REWS, li qabel kienet magħrufa bħala l-Awtorità tar-Riżorsi ta' Malta (MRA). Fis-sena 2015 ġew fis-seħħ AL 171/2015, AL 264/2015, AL 365/2015 u AL 415/2015 li jirregolaw l-iskemi tal-*feed-in tariff*. Ġiet ukoll fis-seħħ skema fejn il-familji setgħu jibbenefikaw minn benfiċċji fuq pannelli fotovoltajiċi li tkopri 50% tal-ispejjeż eliġibbli sa massimu ta' €757 għal kull kWp li jiġi ġġenerat, jew sa massimu ta' €2,300. B'riżultat ta' dawn l-inċentivi, il-kapaċità' fotovoltajka tal-pajjiż laħqet 73MWp[1] fis-sena 2015, 'il fuq minn 54MWp fl-2014.

Fid-dawl ta' riżultat ta' numru ta' studji tekniċi u ambjentali, qed jiġi rivedut il-Pjan t'Azzjoni għall-Enerġija li Tiġġedded (NREAP). Dan il-pjan se jkun qed ifassal it-triq għal Malta biex tilħaq il-miri tal-enerġija li tiġġedded fl-aktar mod effiċjenti possibbli. Sar eżerċizzju biex jiġu aġġornati l-istimi tal-konsum tal-enerġija u jiġu integrati miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija. Qiegħda tiġi enfasizzata l-importanza tal-ġbir u l-konsolidazzjoni tal-informazzjoni. Għal dan il-għan, SEWCU ikkollabora b'mod kontinwu ma' entitajiet oħra fosthom l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), REWS u l-MRA fir-rigward ta' informazzjoni fuq enerġija li tintbagħat lil Eurostat.

Kumplimentari ma' stħarriġ li sar fl-2014 biex ikun ikkalkulat in-numru ta' *heat pumps* f'Malta fis-setturi residenzjali u tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), qiegħed isir stħarriġ ieħor biex ikun ikkalkulat l-ammont ta' *heat pumps* fl-intrapriżi l-kbar. B'kollaborazzjoni mal-NSO, qed jiġu

[1] Il-figura hija provviżorja

ppjanati emendi fuq is-sistema tal-Intrastat biex SEWCU tkun tista' tiġbor informazzjoni fuq in-numru ta' importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' *heat pumps* u *solar water heaters.*

Din is-sena sar ukoll xogħol fuq skemi intiżi li jkunu mnedija fis-sena 2016, bil-għan li jintlaħqu l-miri tal-enerġija li tiġġedded sal-2020. F'dan l-ambitu, is-SEWCU kien parti mis-*Solar Farm Policy Working Group*, li kien ikkordinat mill-MEPA. Is-*Solar Farm Policy* ħarġet għal konsultazzjoni pubblika fl-aħħar tal-2014. SEWCU assistiet lill-MEPA fl-analiżi tas-sottomissjonijiet.

SEWCU beda x-xogħol fuq il-wegħda elettorali biex tiġi offruta alternattiva għall-familji li m'għandhomx aċċess għal bejt fejn jiġu installati l-panelli. Infatti, bdew diskussjonijiet ma' entitajiet konċernati inkluż MEPA, REWS, ARMS, Enemalta plc u l-i*State Aid Monitoring Board* (SAMB) fuq l-implimentazzjoni tal-proġett tal-*communal PV Farm.* Qegħdin jiġu identifikati siti fejn jistgħu jiġu installati numru konsiderevoli ta' pannelli għal dan il-għan.

### Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima 2030

Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, fejn l-Istati Membri qablu fuq il-qafas tal-enerġija u l-klima inkluż il-miri fil-livell Ewropew, fejn fost l-oħrajn sar qbil fuq il-mira minima ta' 27% sehem ta' enerġija li tiġġedded għas-sena 2030, twaqqaf *working group* tekniku mill-Kummissjoni biex joffri gwida lil-Istati Membri fuq il-pjanijiet nazzjonali tal-enerġija u l-klima. Uffiċjali tas-SEWCU attendew żewġ laqgħat li saru f'Ottubru u f'Diċembru 2015. F'Malta beda ix-xogħol biex jiġi maħluq kumitat bil-għan li jiġi mfassal dan il-pjan.

### *CA EED*

Il-CA-EED (*Concerted Action Energy Efficiency Directive*) hi ukoll inizjattiva mħallsa u organizzata mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. SEWCU attenda żewġ laqgħat ta' dan il-proġett matul l-2015, dik li saret f'Riga u oħra fil-Lussemburgu. Għal dawn il-laqgħat attendew rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE kollha, u jservi ta' forum eċċellenti għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-EED.

### *Appoġġ għall-Gvern dwar l-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni tal-Leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropeja (UE)*

SEWCU tipprovdi appoġġ estensiv lill-Gvern fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Enerġija tal-UE u l-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi relatati mal-ilma.

SEWCU ikkontribwiet għall-pożizzjoni ta' Malta fid-diskussjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li jistabbilixxi metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti dwar il-kwalità ta' rappurtar mill-karburanti tal-petrol u tad-diesel skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din il-proposta saret Direttiva 2015/652 u SEWCU kompliet tagħti kontribut dwar il-Abbozz ta' gwida mhux leġiżlattiva dwar metodi biex jiġi kkwantifikat, verifikat, validitat, monitorjat u r-rappurtat tnaqqis fl-emissjonijiet *upstream*.

SEWCU ħadem mill-qrib ma' Ministeri differenti, entitajiet tal-gvern u l-awtoritajiet. Matul is-sena 2015, SEWCU ta kull għajnuna meħtieġa fil-formulazzjoni tad-diversi pożizzjonijiet f'Malta. Dawn kienu jinkludu l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar:

- Pjan t'Azzjoni ghall-Ekonomija Ħadra;
- Pjan dwar il-Kwalità tal-Arja;
- Rapport ta' Progress dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;
- It-Traspożizzjoni u implimentazzjoni tad-direttiva (Direttiva Karburanti Alternattivi) 2014/94;
- L-strateġija għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-*Country Fact Sheet* għal Malta;
- Il- konsultazzjoni pubblika dwar id-Direttiva dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija f'Binjiet Pubbliċi (EPBD)
- Il-konsultazzjoni pubblika dwar Id-Disinn għas-Suq tal-Enerġija;
- L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva fuq il-Kwalita' tal-*Fuel*s;
- Il-mili ta' kwestjonarju dwar l-Evalwazzjoni tad-Direttiva 1994/63 / KE dwar l-emissjonijiet VOC mill-ħażna tal-*petrol* u d-distribuzzjoni u d-Direttiva 2009/126 / KE dwar l-irkupru tal-fwar tal-petrol;
- Il-konsultazzjoni dwar it-tħejjija tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku;
- Reviżjoni tad-dokument tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent - 'Metodoloġija għall-punti ta' referenza fl-effiċjenza enerġetika'.

## INIZJATTIVI NAZZJONALI

### *Working Group Għal Bini b'Użu ta' Kważi żero Enerġija (NZEB)*

SEWCU kien parti mill-*working group* għal bini b'użu ta' kważi żero enerġija koordinata mill-Uffiċċju tar-Regolamenti tal-Bini biex tfassal il-Pjan Nazzjonali għall-promozzjoni u sabiex il-bini ikun NZEB skont id-direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija 2010/31/KE. Din saret liġi Maltija permezz tal-Avviż Legali *376*/2012. Sar ukoll studju dwar bini b'użu kważi żero enerġija sabiex jipprovdi bażi teknika għall-kumpilazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-bini b'użu ta' kważi żero enerġija għal Malta. Id-dokument finali ġie ppreżentat lill-pubbliku ġenerali u ppubblikat fil-*media*.

### *Studju – Enerġija fl-Ospitalità u s-Settur Industrijali*

SEWCU kienet ikkummissjonat studju sabiex isir rapport fuq is-sitwazzjoni t'enerġija fil-lukandi u l-industrija tal-manifattura. Il-konsulenti wettqu rapport dwar l-istat tal-użu tal-*enerġija* ta' impriżi li mhumiex SMEs. Il-parametri tal-istudju indirizza l-ostakli għal soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika fis-settur tal-ospitalità, ħareġ *low level case studies* ipprovda soluzzjonijiet applikabbli u stabilixxa parametri komparattiva fl-effiċjenza enerġetika.

### *Żjarat fid-djar fuq pariri dwar il-konsum domestiku tal-Enerġija*

Konformi mal-wegħda elettorali sabiex jingħataw pariri fid-djar b'xejn lill-individwi sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-enerġija domestika inkluż l-użu tal-ilma, matul l-2015 tnieda proġett pilota fil-lokalitajiet tal-Mosta, Ħal Qormi, Paola, u Ħal Tarxien. F'kull dar f'dawn il-lokalitajiet intbagħtu fuljetti bil-posta bl-informazzjoni sabiex b'mod volontarju ir-residenti setgħu jingħataw appuntament personali sabiex wieħed mill-uffiċjali tas-SEWCU seta' jmur fid-dar tagħhom u

jtihom parir personalizzat. Dawn l-uffiċjali tħarrġu apposta għal dan il-għan b'kollaborazzjoni mal-Università u l-Enemalta plc. B'kollox intbagħatu 14,965 fuljett bil-posta u l-maġġoranza tan-nies li żorna kollha qalulna li ż-żjara kienet ta' benefiċċju u li jirrikmandawha lil ħaddieħor. Aktar tard dan il-proġett ġie estiż għal 14-il lokalità u sar diġà x-xogħol meħtieġ sabiex jinħareġ *tender* biex jiġu stampati 87,900 fuljett ieħor sabiex inkopru l-kumplament ta' Malta matul l-2016.

Barra min hekk uffiċċjali tas-SEWCU ħadu sehem fi programmi televiżivi kif ukoll programmi fuq ir-radju biex jipprovu u jedukaw lil konsumatur fuq din l-inizjattiva.

## PROĠETTI FFINANZJATI MILL-UNJONI EWROPEA

It-taqsima proġetti ġiet stabbilita b'tim ta' inġiniera ffukati l-aktar fuq l-implimentazzjoni, il-koordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE . Wara li nkisbet l-approvazzjoni tal-Ministeru u tal-Awtorità ta' Ġestjoni  fuq il-proposti biex jinkisbu fondi FEŻR fuq proġetti relatati ma l-użu tal-enerġija b'mod iżjed effiċjenti, it-tim kien responsabbli biex jimplimenta dawn il-proġetti.

Rwol ieħor li it-taqsima qed tieħu hija it-tfittxija ta' aktar fondi, minbarra l-FEŻR, li jistgħu jintużaw fi proġetti fl-użu effiċjenti tal-enerġija fil-gżejjer Maltin. L-UE għandha diversi mekkaniżmi ta' finanzjament li SEWCU jixtieq jisfrutta bl-aktar mod ta' benefiċċju għal Malta, pereżempju l-'Horizon 2020', ERA-NET MED, LIFE + u oħrajn. SEWCU se tippersisti wkoll biex jinkisbu fondi nazzjonali għall-finijiet ta' riċerka u innovazzjoni. Qed jitwettaq eżerċizzju biex jinstabu mekkaniżmi ta' finanzjament, jiġu analizzati dawk l-aktar adattati u jinbnew sinerġiji u konsorzji ma' akkademja, l-industrija u l-SMEs, kemm nazzjonali, Ewropej u internazzjonali, biex jikkollaboraw fuq proġetti ta' interess komuni. Biex jgħin f'dan ir-rigward, inġiniera ġew maħtura biex jirrappreżentaw lil Malta fil-Kumitat tal-Program H2020 u l-*European Commission's Steering Group for the Strategic Energy Technology Plan (SET-Plan)*.

Il-proġetti li twettqu mis-SEWCU matul l-2015 kienu dawn:

ERDF 341 - *Study for Deep Energy and Resource Retro-Fitting of St Vincent De Paule (SVDP) Hospital Residence*
ERDF 342 - *Renovating Public Buildings to Incease Energy Efficiency and Reduce GHG (Phase* 1);
ERDF 343 - *Retrofitting Road and Street Lighting By Smart Lighting*;
ERDF 349 - *An Energy Roadmap – Towards Achieving Decarbonisation for the Maltese Islands.*
ESF 4.277 – *Expert Training on Energy Policy & Implementation*

### *ERDF 341 – Study For Deep Energy Resource Retro-Fitting of St Vincent De Paul Hospital Residence - €227k*

L-istudju ppreżenta b'mod ħolistiku kif għandna nħarsu 'l quddiem, kemm mill-aspett tekniku u finanzjarju, u liema teknoloġija għandha tiġi adottata bil-għan li jitnaqqas il-konsum tal-energija u l-użu  tar-riżorsi fi ħdan il-bini ta' SVDP. L-istudju inkluda aspett tekniku mmirat li jipprovdi soluzzjonijiet tekniċi, segwit minn Studju Ekonomiku (CBA) tas-soluzzjonijiet proposti.

### *ERDF 342 - Renovating Public Buildings to Increase Energy Efficiency and Reduce GHG (Phase 1) - €2.8m*

L-ewwel fażi tal-proġett kienet tikkonsisti f'numru ta' interventi fir-Residenza San Vincenz De Paul u fl-Iskola Primarja Siġġiewi biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. L-interventi kienu dawn li ġejjin;

Intervent A (Prijorità 1): Id-deċentralizzazzjoni tal-*Boiler System* u l-introduzzjon ta' tisħin b'sistema LPG fir-Residenza ta' San Vincenz De Paul, flimkien ma' bdil ta' tagħmir qadim ma' wieħed aktar effiċjenti fil-kċina u l-*laundry*.

Intervent B (Prijorità 2): *Retrofitting* tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi biex tuża l-enerġija u riżorsi b'mod aktar effiċjenti. Fost l-interventi nsibu *louvers* mekanizzati mat-twieqi tal-iskola, pannelli fotovoltajċi fuq il-bejt tal-iskola, *water heaters* instantanji, *flushings* effiċjenti fit-*toilets* u insulazzjoni ta' ħitan f'numru ta' klassijiet. Ġiet installata wkoll sistema ta' *Building Management System* biex tikkontrolla u tissorvelja s-sistemi li ġew installati.

Barra minn hekk, dan il-proġett kien jinkorpora wkoll interventi ta' miżuri t'effiċjenza li twettqu fil-binja tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Dawn l-interventi, fost l-oħrajn, kienu jinkludu: xogħol fuq il-membrana tas-soqfa u insulazzjoni termali, installazzjoni ta' twieqi *louvered,* installazzjoni ta' makkinarju marbut ma' *Building Management System*, u l-kostruzzjoni ta' fossa għall-ħażna tal-ilma tat-tieni klassi biex jintuża għall-irrigazzjoni. Dawn l-interventi kollha tlestew sal-aħħar tas-sena 2015.

### *ERDF 343 – Retrofitting Road and Street Lighting by Smart Lighting - €2.8m*

Fir-rigward tal-ERDF 343, il-proġett kien jikkonsisti fil-tibdil ta' dwal tat-toroq f'Malta u f'Għawdex. Fil-każ ta' Malta, inbidlu 490 lanterna f'toroq arterjal f'medda ta' 13 il-kilometru. Huwa stmat li 424,262 KWhr jew 58% tal-konsum tal-fanali antiki, ser jiġu frankati kull sena. Il-proġett ġie konkluż fl-2015.

F'Għawdex, id-dwal kollha tat-toroq kienu mibdula, b'numru totali ta' lanterni ta' madwar 4,900 . Huwa stmat li 1,667,951 KWhr jew 47 % tal-konsum tal-fanali antiki, qed jiġu frankati kull sena. Dan il-proġett ġie konkluż ukoll fl-2015.

Barra minn hekk, dan il-proġett kien jinkorpora wkoll interventi li saru fil-grawnd ta' taħriġ tal-*Malta Football Association* (MFA) – liem interventi jinkludu l-installazzjoni ta' sistema ta' *floodlighting* li hija iktar effiċjenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' konsum ta' enerġija. Huwa stmat li madwar 76,050 KWhr addizzjonali ser jiġu frankati fis-sena permezz ta' dan l-intervent.

## TAQSIMA ILMA

### IMPLIMENTAZZJONI TAL-*EU AQUIS*

### *Water Framework Directive*

Bħala waħda mill-awtoritajiet kompetenti għall-ilmijiet interni taħt il-*Water Framework Directive*, il-*Water Policy Unit* fi ħdan is-SEWCU hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawk l-aspetti tad-Direttiva relatati mal-ilma tal-pjan u l-immaniġġajar aħjar tar-riżorsi tal-ilma fil-gżejjer Maltin.

### *It-Tieni Pjan Għall-Immaniġġjar tal-Ilma*

Matul is-sena li għaddiet, SEWCU u l-MEPA ikkollaboraw fit-tfassil tat-tieni pjan għall-immaniġġjar tal-ilma (*Water Catchment Management Plan*) għal Malta, li kien finalizzat f'Diċembru 2015. Il-proċess li wassal għat-tfassil ta' dan il-pjan kien jinkludi konsultazzjoni estensiva ma' *stakeholders* ewlenin, b'mod partikolari mal-assoċjazzjonijiet tal-*water-users*. F'Novembru tal-2015, ittella' wkoll *workshop* nazzjonali fuq dan il-pjan.

Il-pjan innifsu jippreżenta stampa tal-istat tal-ilmijiet naturali fil-gżejjer Maltin, u jistabbilixxi miri ambjentali għall-istess ilmijiet li jridu jintlaħqu sal-2021. F'dan ir-rigward, il-pjan jiddentifika wkoll il-miżuri li hemm bżonn jittieħdu sabiex dawn il-miri ambjentali jkunu effettivament milħuqa. Bħala mira ambjentali prinċipali li l-ilmijiet tal-pjan, it-tieni pjan għall-immaniġġjar tal-ilma għall-gżejjer Maltin irid jilħaq l-istat kwantitattiv tajjeb sal-2021. Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-pjan jipproponi programm ta' miżuri (POM) ibbażat fuq l-implimentazzjoni konġunta ta' miżuri li jikkontrallaw id-domanda għall-ilma u oħrajn li jiżviluppaw riżorsi tal-ilma ġodda.

### *Strateġija Komuni għall-Implimentazzjoni tal-Water Framework Directive*

L-istrateġija komuni għall-implimentazzjoni (CIS) tal-*Water Framework Directive* hija forum f'livell Ewropew li jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Ic-CIS jieħu l-forma ta' numru ta' kumitati li fil-laqgħat tagħhom jiffukaw fuq aspetti speċifiċi tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. F'dan ic-CIS, SEWCU tirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat informali tad-Diretturi tal-Ilma Ewropej, fil-Grupp għall-Koordinazzjoni Strateġika u fil-*Working Group* dwar l-ilmijiet tal-pjan.

Matul din l-aħħar sena, SEWCU kienet ukoll magħżula sabiex tippresedi, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, *task* grupp tekniku li twaqqaf mic-CIS sabiex jiġu żviluppati linji gwida Ewropej dwar l-użu ta' ilma riċiklat, bl-iskop li jiġu definiti l-i*standards* minimi Ewropej għall-użu ta' dan l-ilma.

## Direttiva tal-Għargħar

SEWCU hija wkoll l-awtorità kompetenti fil-Gżejjer Maltin għall-implimentazzjoni tad-Direttiva Ewropea għall-Għargħar. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp tal-Pjan għall-Immaniġġjar tar-Riskji mill-Għargħar, hekk kif rikjest minn din id-Direttiva, ġie amalgamat mall-proċess għall-iżvilupp tat-tieni Pjan għall-Immaniġġjar tal-Ilma taħt il-*Water Framework Directive*.

Għalhekk, il-pjan għall-Immaniġġjar tar-Riskji mill-Għargħar f'Malta jifforma parti integrali mill-*Water Catchment Management Plan* u primarjament jiffoka fuq l-iżvilupp ta' miżuri li jikkontrallaw u jnaqqsu l-produzzjoni ta' ilma tax-xita fit-toroq li huwa l-kawża prinċipali tal-għargħar.

## Inizjattivi Nazzjonali

### *Pjan Nazzjonali għall-immaniġġjar tal-Ilma*

Tul is-sena 2015 il-proċess għall-iżvilupp tal- Pjan Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Ilma tkompla b'laqgħat ta' diskussjoni mal-assoċjazzjonijiet tal-*water-users* dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi li ġew proposti sabiex ikunu nklużi fil-pjan. L-iskop wara dawn il-laqgħat kien dak li jiġi diskuss il-mod tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. It-tfassil tal-pjan nazzjonali kien konkluż f'Novembru 2015, u għalhekk il-pubblikazzjoni tal-pjan hija prevista għall-ewwel xhur tal-2016.

### *Kampanja Nazzjonali Għall-Konservazzjoni tal-Ilma*

Matul is-sena, tkompliet l-implimentazzjoni tal-Kampanja Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma. Ġew organizzati l-attivitajiet prinċiparjament bi preparazzjoni għall-Ġurnata Dinjija tal-Ilma, it-22 ta' Marzu, hekk kif iddikjarata minn Nazzjonijiet Uniti. L-attivitajiet organizzati taħt din il-kampanja fl-2015 kienu jinkludu:

- konferenza teknika u esibizzjoni sabiex jiġi mfakkar l-500 anniversarju tal-Akwedott tal-GranMastru Wignacourt;

- esibizzjoni u attivitajiet oħra għat-tfal tal-iskejjel fil-Palazz tal-President, tal-Belt;

- l-għoti ta' tnax-il *sponsorship* lill-iskejjel għall-proġetti ta' konservazzjoni tal-ilma ; u

- konferenza teknika fuq ir-riċiklar tal-ilma fil-Palazz tal-President, tal-Belt.

Din il-kampanja inkludiet diversi attivitajiet organizzati taħt il-Proġett *Catch the Drop* li huwa ffinanzjat mill-HSBC *Water Initiative*. Dan il-proġett iffinanzja diversi attivitajiet fl-iskejjel, żjarat fil-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-ilma u attivitajiet oħra għat-tfal tal-iskejjel fejn prattikament l-iskejjel pubbliċi u privati kienu kollha milħuqa.

## GĦAJNUNA TEKNIKA LILL-GVERN

### *Strateġija għall-Immaniġġjar tal-Ilma fil Pajjiżi tal-Punent tal-Mediterran*

Fi Frar tal-2015, f'Algiers ġiet addottata l-Istrateġija għall-Immaniġġjar tal-Ilma fil-punent tal-Mediterran taħt il-proċess 5+5. Wara li l-istrateġija ġiet addottata, inbeda proċess taħt il-grupp ta' esperti tal-5+5 għall-immaniġġjar tal-ilma, sabiex jiġi formulat pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. SEWCU qiegħda tirrappreżenta lil Malta f'dan il-proċess tekniku. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-proġetti reġjonali għall-immaniġġjar tal-ilma u l-introduzzjoni tal-organizzazzjonijiet li jistgħu jiffinanzjaw dawn il-proġetti sabiex l-implimentazzjoni tal-proġetti tkun possibli.

### *Strateġija għall-Immaniġġjar tal-Ilma fil-Mediterran*

SEWCU tirrapreżenta lil Malta fil-Grupp ta' Esperti dwar l-ilma tal-Unjoni għall-Mediterran (UFM). F'Novembru tal-2015, il-grupp ta' esperti tal-UFM iltaqa' fil-Lussemburgu fejn inbeda proċess sabiex tiġi formulata strateġija reġjonali għall-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma fil-Mediterran.

### *Kunsill Tal-Ministri tal-Ambjent*

Matul is-sena 2015, SEWCU provdit ukoll għajnuna teknika lill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima (MSDEC) fl-iżvilupp tal-pożizzjonijiet li Malta adottat fil-Kunsill Ewropew għall-Ambjent, partikolarment fejn jirrigwardja l-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma. Ingħatat ukoll għajnuna teknika lill-istess Ministeru fl-ambitu tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar in-Nitrati, fejn esperti minn SEWCU jipparteċipaw fil-Kumitat tal-Azzjoni Nazzjonali dwar in-Nitrati.

## PROĠETTI FFINANZJATI MILL-UNJONI EWROPEA

### *ERDF346 – Telf Naturali Ta' Ilma Mal-Pjan mal-Kosta*

Il-proġett ERDF346 investiga l-potenzjal ta' esplojtazzjoni tal-ilma tal-pjan li jintilef b'mod naturali mal-kosta fil-gżejjer Maltin. Il-proġett li sar fi Frar tal-2015, kien jinkludi *survey* termografiku mill-ajru bl-iskop li jidentifika anomaliji fit-temperatura tal-ilma tal-baħar matul il-kosta, ikkawżati minn ħruġ ta' ilma naturali. Wara l-analiżi tar-riżultati ta' dan is-*survey*, saru numru ta' investigazzjonijiet fis-siti identifikati mis-*survey* fejn tkejlu direttament it-temperatura u s-salinità tal-ilma. Dawn l-investigazzjonijiet wasslu għall-identifikazzjoni ta' tliet siti fejn hemm ħruġ naturali ta' ilma. Dawn huma Wied Babu f'Malta, Mġarr ix-Xini u l-irdumijiet Ta' Ċenċ f'Għawdex. Ġie identifikat il-punt tal-ħruġ tal-ilma f'dawn il-lokalitajiet u l-analiżi li saru juru r-rata tal-fluss tal-ilma kienet f'livelli li ma jippermettux l-iżvilupp ta' infrastruttura għall-ilqugħ tiegħu. SEWCU ser tkompli tistudja dawn is-siti sabiex tkompli tikkarettarizza dawn is-siti ta' fluss naturali tal-ilma. Dan ser isir ukoll minħabba li l-proġett ERDF346 jinkludi l-iżvilupp tal-kapaċità teknika neċessarja sabiex SEWCU tkun tista' tkompli l-istudji fuq dan is-suġġett. F'Settembru tal-2015 ir-riżultati ta' dan il-proġett kienu ppreżentati waqt it-42 Kungress tal-Assocjazzjoni Internazzjonali tal-Idrogeologi (IAH) li sar f'Ruma.

### *ESF4.239 – Intejbu l-Kapaċità teknika għall-Immaniġġjar Integrat tar-Riżorsi tal-Ilma*

Fil-proġett ESF4.239 SEWCU ikkoordinat mal-Istitut għall-Edukazzjoni Idrologika tal-UNESCO u pprovdiet opportunitajiet ta' taħrig speċjalizzat lill-uffċjali fis-settur pubbliku, partikolarment lil dawk li jaħdmu fis-settur tal-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma, kif ukoll taħriġ prattiku permezz ta' żjarat tekniċi f'istituzzjonijiet internazzjonali bħal *British Geological Survey* tal-Ingilterra, iċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka dwar l-Ilma tal-Italja u l-MEKOROT f'Israel. Ħamsa u għoxrin uffiċjal ġejjin minn SEWCU, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, ir-Regulatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u l-Ministeru għal Għawdex ipparteċipaw fl-opportunitajiet ta' taħriġ offruti taħt dan il-proġett.

### *MARSOL – Managed Aquifer Recharge*

Il-proġett MARSOL, li għandu l-iskop li juri l-prattika ta' *Managed Aquifer Recharge* bħala soluzzjoni teknika għall-iskarsezza tal-ilma, huwa ffinanzjat taħt is-7*th* *Framework Programme* tal-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett qiegħed jinvestiga l-prattika ta' *Managed Aquifer Recharge* f'sitt pajjiżi tal-Mediterran inkluż f'Malta. F'Malta, dan il-proġett qed jiffoka fuq l-investigazzjoni ta' skema ta' *managed aquifer recharge* sabiex tindirizza id-degradazzjoni tal-ilma tal-pjan minħabba d-dħul ta' ilma mielaħ mill-baħar permezz tal-izvilupp ta' barriera naturali li twaqqaf id-dħul ta' ilma baħar fl-akwiferi. Il-proġett pilota tal-*Managed Aquifer Recharge* qed isir ħdejn l-impjant tat-trattament f'Ta' Barkat (limiti ta' Ħaż Żabbar) f'żona periferali tal-akwiferu tal-pjan ta' Malta.

Bħala parti mill-proġett MARSOL, matul Settembru tal-2015, SEWCU iffaċilitat laqgħa tal-esperti Ewropej fuq ir-regolamentazzjoni tal-*Managed Aquifer Recharge* fejn kien hemm diskussjonijiet estensivi dwar l-iżvilupp ta' skema regolatorja għal MAR ibbazata fuq il-*Water Framework* u l-*Groundwater Directives* tal-Unjoni Ewropea.

### *Proġett Integrat Taħt il-Programm LIFE*

Matul l-2015, SEWCU kompliet tiżviluppa applikazzjoni għal Proġett Integrat taħt il-Programm LIFE, proġett fejn l-għan tiegħu huwa biex jgħin fl-implimentazzjoni tat-tieni pjan għall-

immaniġġjar tal-ilma f'Malta. Id-dokumentazzjoni relattiva għall-ewwel fażi fl-applikazzjoni ta' dan il-proġett kienet sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2015, u f'Diċembru 2015. Dan il-proġett kien wieħed minn 17-il-proposta li ġew aċċettati għat-tieni fażi tal-applikazzjoni. L-iżvilupp ta' din l-applikazzjoni qed isir ukoll bl-għajnuna tal-proġett LIFE TAE MT002, Proġett ta' Għajnuna Teknika intiża sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet għal proġetti integrati.

### *Rijabilitazzjoni ta' Wied Qlejgħa*

Matul Settembru 2015, SEWCU issottomettiet proposta ta' proġett għar-rijabilitazzjoni ta' Wied il-Qlejgħa taħt sejħa għall-proġetti maħruġa mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet bħala parti mill-Ass Prijoritarju 5 tal-Programm ta' Fondi għall-Iżvilupp Reġjonali. Dan il-proġett jipproponi r-rijabilitazzjoni ta' dan il-wied u l-iżvilupp ta' faċilitaijiet edukattivi u rikrejattivi sabiex jiżdied l-apprezzament tal-valur ta' din l-ekosistema unika minn dawk li jżuruha.

### *Proposti għal Proġetti Taħt il-Programm MED tal-Unjoni Ewropea*

Matul Ottubru 2015, SEWCU ipparteċipat fis-sottomissjoni ta' tliet proposti għall-proġetti taħt l-ewwel sejħa għall-proġetti modulari taħt il-Programm INTERREG MED tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-proposti għall-proġetti jiffukaw fuq it-titjib tal-użu tal-ilma fis-settur turistiku, b'inizjattivi pilota f'Malta u Għawdex u l-iżvilupp ta' ċentru reġjonali għall-koordinazzjoni tar-riċerka fis-settur tal-ilma fil-Mediterran.

## PROĠETTI FFINANZJATI TAĦT FONDI OĦRA

### *Proġett ALTERAQUA*

Il-proġett Alteraqua huwa inizjattiva reġjonali fil-Mediterran bl-iskop li jiffaċilita l-introduzzjoni ta' Riżorsi Alternattivi tal-Ilma. F'Malta l-azzjonijiet ta' dan il-proġett qed jiffoka fuq l-introduzzjoni ta' skemi ta' riċiklaġġ ta' *Grey Water*. Matul l-2015 il-proġett Alteraqua iffinanzja l-installazjoni ta' sistema ta' riċiklar ta' *Grey Water* fl-iskola Helen Keller ġewwa l-Qrendi, li se jwassal sabiex jiġi riċiklat l-ilma tal-*jacuzzi* tal-iskola. Ingħata bidu lix-xogħlijiet sabiex tiġi installat sistema oħra fil-faċilitajiet tal-Pixxina Nazzjonali ġewwa l-Imsida. Apparti minn dan il-Proġett Alteraqua kompla jiffinanzja l-attivitajiet edukattivi li Nature Trust Malta u l-inizjattiva Eko-Skola jagħmlu fil-Park Naturali ta' Xrobb l-Għagin. Dan il-proġett huwa koordinat mill-*Global Water Partnership-Mediterraean* u ffinanzjat mill-Fondazzjoni Coca-Cola.

### *Ċentru Nazzjonali Għall-Għarfien Dwar l-Ilma*

Fi Frar 2015, SEWCU ngħatat l-inkarigu mill-Gvern li tikkoordina l-implimentazzjoni tal-iżvilupp ta' Ċentru Nazzjonali għall-Għarfien dwar l-ilma fl-inħawi ta' Bużugrilla/Nigret fir-Rabat (Malta). Dan iċ-Ċentru għall-Għarfien dwar l-ilma huwa l-ewwel tax-xorta tiegħu fil-gżejjer Maltin, fejn huwa ppjanat li jipprovdi lill-viżitaturi esperjenza edukattiva dwar l-ilma bl-użu ta' materjal awdjoviżiv u edukattiv. Huwa ppjanat li dan iċ-Ċentru jservi bħala l-fulkru tal-attivitajiet li jiġu mplimentati taħt il-Kampanja Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma.

Matul l-2015 kienu ppreparati l-pjanti tal-proġett u ġiet sottomessa u approvata l-applikazzjoni għall-iżvilupp mill-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar. Matul l-ewwel xogħlijiet ta' tindif tas-sit ġew misjuba referti arkeoloġiċi mill-era Punika, u għalhekk sar *survey* arkeoloġiku estensiv tas-sit kollu. Minħabba dawn ir-referti arkeoloġiċi, il-pjanti tal-proġett ġew modifikati fejn fl-istess sit ġie inkluż Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar il-Perjodu Puniku f'Malta, sabiex jippermetti l-

konservazzjoni tar-referti arkeoloġiċii fis-sit stess. Fit-tieni nofs tas-sena inħarġet sejħa għal offerti għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-iżvilupp taċ-Ċentru għall-Għarfien dwar l-Ilma, iċ-Ċentru għall-Interpretazzjoni tal-Perjodu Puniku u l-kumplament tas-sit. Ix-xogħlijiet fis-sit huwa previst li jibdew fil-bidu tal-2016 wara li jintemm il-proċess ta' aġudikazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti.